Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 248/2014AE

**Malta Art Events Limited**

**Vs**

**Sparkasse Bank Malta plc**[1]

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-26 ta' Marzu 2014, is-socjeta' attrici ppremetiet u talbet:-

*1. Illi s-socjeta' esponenti giet imwaqqfa sabiex, fost l-ohrajn, torganizza avvenimenti muzikali u artistici f'Malta;*

*2. Illi l-istess socjeta' tircievi numru ta' rikjesti f'dan is-sens, kemm minghand Maltin u kif ukoll minghand barranin sabiex jigu organizzati dawn it-tip ta' avvenimenti f'Malta;*

*3. Illi s-socjeta' esponenti ilha sa mit-twaqqif taghha tuza s-servizzi bankarji tas-socjeta' intimata;*

*4. Illi f'Awwissu 2013, is-socjeta' esponenti irceviet rikjesta minn permezz tal-posta elettronika (bhal hafna rikjesti ohrajn li tircievi) minn certu James Churchill, sabiex tigi inkarigata torganizza f'Malta avveniment partikolari;*

*5. Illi wara diversi skambji ta' emails mas-socjeta' esponenti, gew maqbulin id-dettalji ta' dan l-avveniment rikjest;*

*6. Illi gie maqbul ukoll li l-hlas dovut lis-socjeta' esponenti huwa ta' hmistax-il Elf lira Sterlina (£15,000);*

*7. Illi s-Sur Churchill informa lis-socjeta' esponenti li kien ser iwettaq dan il-hlas permezz ta' cekk tal-HSBC;*

*8. Illi fil-verita', ic-cekk li rceviet is-socjeta' esponenti kien ta' Eur 26,164;*

*9. Illi dan ic-cekk gie depozitat fil-kont li s-socjeta' esponenti ghandha mal-Bank intimat;*

*10. Illi meta s-socjeta' esponenti infurmat lis-Sur Churchill li c-cekk li kieent irceviet kien ta' Eur 26,164, huwa qal li kien ghamel zball ghax kien ittrasferixxa ammont zejjed li suppost kellu jithallas lil terza persuna sabiex tkun tista' thallas it-trasferimenti bl-ajru (flights) tal-ghoxrin persuna li kellhom jigu Malta ghal dan l-avveniment;*

[1] Il-qorti tordna korrezzjoni fis-sens li isem il-bank konvenut minn Saparkasse Bank Malta Public Limited Company (C-27152) [ara rikors guramentat] ghandu jaqra Sparkasse Bank Malta plc gialdarba mill-atti hu evidenti li dan hu l-isem korrett tal-kumpannija.

*11. Illi ghalhekk huwa talab lis-socjeta' esponenti sabiex titrasferixxi l-ammont ta' sebat elef lira Sterlina (£7,000) lill-persuna li kellu jiehu hsieb it-trasferimenti bl-ajru (flights) permezz ta' trasferiment bankarju, u senjatament certu Chris Onyeoguzoro;*

*12. Illi s-socjeta' esponenti accertat ruhha li l-ammont tac-cekk ta' Eur 26,164 kien effettivament depozitat u akkreditat fil-kont bankarju taghha (Acc.No. 10.00.0023039.000) qabel ma ghamlet it-trasferiment tas-sebat elef lira Sterlina;*

*13. Illi nhar is-27 ta' Settembru, 2013, il-Bank intimat irrilaxxa a favur tas-socjeta' esponenti "credit advice" u li permezz tieghu informa lis-socjeta' esponenti li l-kont de quo kien "credited" bl-ammont ta' Eur 26,146.90 (kopja annessa u mmarkata Dok A);*

*14. Illi di piu' kif jidher mid-"daily statement" mahrug mill-Bank intimat fl-istess gurnata (kopja annessa u mmarkata Dok B), is-socjeta' esponenti giet infurmata li l-"previous balance" kien: Eur 832.73 waqt li n-"new balance" huwa ta' €26,953.48;*

*15. Illi wara li kellha dan l-accertament min-naha tal-Bank intimat, is-socjeta' esponenti talbet lill-istess Bank intimat biex jaghmel it-trasferimentita' sebat elef lira Sterlina (£7,000) lil Chris Onyeoguzoro bid-dettalji kif komunikati lilha mis-Sur Churchill;*

*16. Illi dan it-trasferiment sar nhar it-2 ta' Ottubru 2013, u kien ekwivalenti ghal €8,415,48, liema ammont gie debitat mill-kont bankarju tas-socjeta' esponenti;*

*17. Illi sussegwentement nhar l-4 ta' Ottubru 2013, il-Bank intimat informa lis-socjeta' esponenti li kien 'skopra' li c-cekk ta' Eur 26,164 tal-HSBC kien wiehed falsifikat u qabad u ddebita l-kont tas-socjeta' esponenti bl-istess ammont, u dan kif jidher mill-istatement datat 24 ta' Jannar 2014 anness u mmarkat Dok C;*

*18. Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti wara li kellha s-serhan il-mohh minghand il-Bank intimat li dan l-ammont kien gie kkreditat lill-kont taghha, spiccat bil-kont taghha b'bilanc negattiv u dana minghajr ma tahti xejn;*

*19. Illi s-socjeta' esponenti ma kelliex ghalfejn tiddubita dak il-kreditu li l-Bank intimat ghamel u favur taghha;*

*20. Illi isegwi allura li l-Bank intimat kien altament negligenti meta kkredita l-kont tas-socjeta' esponenti <u>qabel</u> ma ghamel il-verifiki tieghu dwar il-veracita' tac-cekk de quo;*

*21. Illi naturalment is-socjeta' esponenti ma ghandhiex il-facilita' li dawn il-verifiki taghmilhom hi u ma kinitx ragjonevolment tenuta li ma tafdax istituzzjoni bankarja stabbilita u rinomata bhala ma hi s-socjeta' intimata;*

*22. Illi n-negligenza tas-socjeta' intimata kkawzat danni lis-socjeta' esponenti;*

*23. Illi s-socjeta' esponenti interpellat diversi drabi lis-socjeta' intimata sabiex tregga' lura d-decizjoni mehudha minnha nhar l-4 ta' Ottubru 2013 meta ddebita l-kont tas-socjeta' esponenti bl-ammont ta' Eur 26,164.90 inkluz b'ittra legali tas-7 ta' Frar 2014 (kopja annessa u mmarkata Dok D) izda s-socjeta' intimata baqghet tippersisti fil-posizzjoni taghha;*

*24. Illi infatti b'ittra legali risponsiva tas-17 ta' Frar 2014 (kopja annessa u mmarkata Dok E), il-Bank intimat beda jipprova jaddebita r-responsabbilta' fuq is-socjeta' esponenti ghax skond l-istess Bank, is-socjeta' esponenti messha infurmat lill-istess Bank kif irceviet ic-cekk qabel ma ddepozitatu!*

*25. Illi dan l-argument tal-Bank huwa wiehed illogiku (u perikoluz) ghaliex kieku jintlaqa' dan ikun ifisser li kwalsiasi bank ikun jista' jinheles milli jaghmel il-verifiki u jaddebita' r-responsabbilta' fuq min ikun iddepozita' c-cekk;*

*26. Illi jerga' jigi ribadit illi s-socjeta' esponenti ma kellha l-ebda suspetti u certament ma kinitx kompartecipi f'xi frodi kif qed jigi issa allegat;*

*27. Illi wara l-iskambju tal-ittri legali, kien hemm tentattiv ulterjuri da parti tal-esponenti sabiex isir laqgha mal-Bank sabiex tigi rizolta s-sitwazzjoni, pero' minkejja diversi emails minghand id-direttur tas-socjeta' esponenti, ma kien hemm l-ebda riskontru mill-Bank intimat.*

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet li l-qorti:-

*1. Tiddikjara li bl-agir fuq deskritt is-socjeta' intimata hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti;*

*3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma hekk likwidata lis-socjeta' rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Ottubru 2013, sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' intimata, ingunta ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-23 ta' April 2014, il-bank konvenut wiegeb:-

*1. Illi l-Bank konvenut agixxa skont il-ligi ai termini tar-regolamenti u prattici bankarji u ghalhekk mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici;*

*2. Illi ghall-kuntrarju, kif ser jintwera, hija l-istess socjeta' attrici illi ghandha titqies debitrici tal-Bank intimat fis-somma ta' €8,592.90, oltre' imghaxijiet u spejjez, konsistenti f'parti mill-import tac-cekk depozitat minnha li sussegwentement irrizulta frawdolenti; Din il-pretensjoni giet dedotta fi proceduri fl-ismijiet inverse [101/2014 CSH] li huma bhalissa pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ghall-argument, dato ma non concesso, jitqies illi l-Bank attur ghandu xi responsabbilita' ghal dak li gara, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni wkoll kwalunkwe' responsabbilita' kontributorja tal-kumpanija attrici u/jew ta' terzi;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe' danni allegati huma kontestati u jehtieg illi jigu ppruvati.*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

1. Din il-kawza titratta cekk [2] ghas-somma ta' £22,000 li fl-20 ta' Settembru 2013 gie *endorsed* lis-socjeta attrici. L-attrici riedet li s-somma ta' £22,000 tigi depozitata f'kont bankarju li kellha mal-bank konvenut. It-trattarju hu l-bank HSBC gewwa Londra, l-ordni tal-hlas inharget minn Avenue Building Co Ltd u l-hlas kellu jsir lill-attrici. Jirrizulta li fis-27 ta' Settembru 2013 il-kont tal-attrici gie *credited* bis-somma ta' €26,146.90 u cjoe' l-valur tac-cekk f'munita Ewro[3]. Wara li l-

[2] Datat 16 ta' Settembru 2013 (fol. 18).
[3] Fol. 68.

bank konvenut ghadda c-cekk lil NatWest, fis-27 ta' Settembru 2013 il-kont tieghu gie *credited* bis-somma ta' £22,000 (fol. 68). Madankollu fit-30 ta' Settembru 2013 il-bank konvenut gie nfurmat minn Natwest li c-cekk gie ritornat mhux imsarraf minhabba suspett ta' frodi. Fl-4 ta' Ottubru 2013 il-bank iddebita il-kont tal-attrici bis-somma ta' €26,146.96, pero fl-1 ta' Ottubru u 2 ta' Ottubru 2013 l-attrici gibdet €9,375 mill-kont li servew biex isiru pagamenti lil terzi in konnessjoni man-negozju relatat mac-cekk oggett tal-kawza. Dan wassal sabiex illum il-konvenut ghandha debitu ta' €8,592.90 mal-bank, u f'dan ir-rigward hemm proceduri pendenti il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

L-ilment tal-attrici hu li l-bank konvenut kien negligenti:

***"20)..... meta kkredita l-kont tas-socjeta esponenti qabel ma ghamel il-verifiki tieghu dwar il-veracita tac-cekk de quo"*** (rikors guramentat).

2. Certament li fl-istadju li c-cekk gie pprezentat u ttiehed mill-bank konvenut ma kienx qieghed jaghti garanzija li c-cekk kien genwin jew li hemm il-flus fil-kont kurrenti tat-traent. Il-bank konvenut ma kienx it-trattarju. Fuq ic-cekk hemm HSBC 18A, Curzon Street, Mayfair, London. Kienet l-attrici li ggirat ic-cekk lill-bank izda wara rrizulta li kien falz. Cekk hu ordni bil-miktub minn *account holder* (traent) lill-bank, f'dan il-kaz HSBC f'Londra, li mill-kont tieghu tithallas is-somma dikjarata fic-cekk lill-beneficjarju li jissemma fic-cekk. Ovvjament dan ifisser li l-bank ser ihallas biss jekk fil-kont tal-klijent hemm somma flus ekwivalenti ghal dik li tissemma fic-cekk. Cekk m'huwiex hlas.

   F'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Ottubru, 1875 fil-kawza **Enrico Sammut vs Comte Vincenzo Falzon** (Vol. VII.448), gie osservat:

   *"E' certo che anche i cheques sopra banchieri o cassieri, quando sono all'ordine e sono stati negoziati per via di girata, come nel caso, l'atto della girata si converte in cambiale – e quindi sono applicabili a sifatti cheques le regole concernanti per mancanza di pagamento quando non sono debitamente pagati, come nel caso di un cambiale"*.

   F'sentenza ta' din il-qorti[4] fil-kawza **Pmark Limited vs Lombard Bank Malta plc[5],** fejn jista' jinghad li kien hemm cirkostanzi simili ghall-kaz in ezami, intqal hekk:-

   *"Il-qorti tifhem illi r-relazzjoni tas-socjeta attrici mal-bank konvenut hija dik ta' beneficjarju u girant ta' kambjala ma' giratarju. L-attrici ggirat ic-cheque li hu forma ta' kambjala fejn it-trattarju huwa bank – lill-konvenut sabiex il-konvenut jiskontah favur taghha. Il-bank imbaghad*

[4] Imhallef G. Caruana Demajo.
[5] 18 ta' Frar 2005.

*iggira c-cheque favur il-korrispondent tieghu, u thallas minghandu, u l-korrispondent tal-bank ipprezenta c-cheque ghall-hlas ghand il-bank trattarju sabiex dan jiddebita l-kont li kellu mieghu t-traent. Gara izda illi c-cheque ma kienx tassew mahrug minn min kien jidher fuqu bhala tarent, u ghalhekk il-bank trattarju ma setax jiddebitalu l-kont. Ghalhekk dar kontra l-giranti tieghu, li kien il-korrispondent tal-bank konvenut, il-korrispondent dar kontra l-giranti tieghu, li kien il-bank konvenut, u l-bank konvenut dar kontra l-giranti tieghu, li kienet is-socjeta attrici.*

*Meta l-konvenut dar kontra l-attrici billi rega' ddebita l-kont taghha, kien qieghed jinqeda bil-jedd li taghtih il-ligi fl-art. 140(1) u 193 tal-Kodici tal-Kummec:-*

*140(1) il-girant iwiegeb lejn kull pussessur ta' wara ghall-accettazzjoni u ghall-hlas tal-kambjala.*

*193. Il-pussessur ta' kambjala li jircievi l-hlas taghha, u l-giranti kollha ta' qablu, huma garanti lejn dak li hallasha tal-validita' tal-giri kollha ta' qabel.*

*Ir-responsabbilta' hija tal-giranti lejn il-giratarju u mhux kif tippretendi l-attrici, vice-versa. It-tisrif ta' kambjala ma jfissirx illi min ihallas qieghed jaghti garanzija lil min ircieva l-hlas; anzi, huwa min ircieva l-hlas li jaghti garanzija lil min hallas. L-attrici hija marbuta favur il-giratarji kollha ta' warajha, u tista' biss iddur kontra min hareg ic-cheque u l-giratarji ta' qabilha, jekk kien hemm. Meta l-bank konvenut gharraf lill-attrici li c-cheque kien cleared, ma kienx qieghed ukoll jaghti garanzija tal-validita' tieghu, ghax dik il-garanzija, skond il-ligi, tinghata minn min jircievi l-hlas, mhux min min ihallas".*

Ragunament li japplika wkoll ghall-kaz in ezami, ghalkemm din il-qorti zzid li f'din it-transazzjoni l-bank konvenut ma kienx qieghed jagixxi bhala mandatarju tal-attrici.

3. Kif rajna, il-pretensjoni tal-attrici hi spjegata f'paragrafi 18 sa 20 tar-rikors guramentat:-

*"18) Illi ghalhekk is-socjeta esponenti wara li kellha s-serhan il-mohh minghand il-Bank intimat li dan l-ammont kien gie kkreditat lill-kont taghha, spiccat bil-kont taghha b'bilanc negattiv u dana minghajr ma tahti xejn;*

*19) Illi s-socjeta esponenti ma kellhiex ghalfejn tiddubita dak il-kreditu li l-Bank intimat ghamel a favur taghha;*

*20) Illi isegwi allura li l-Bank intimat kien altament negligenti **<u>meta kkredita l-kont tas-socjeta esponenti qabel</u> ma ghamel il-***

***verifiki tieghu dwar il-veracita' tac-cekk de quo***" (enfazi tal-qorti).

*21) Illi n-negligenza tas-socjeta intimata ikkawzat danni lis-scojeta esponenti".*

Il-qorti ma taqbilx li qabel giet depozitata is-somma ta' €26,146.90 fil-kont tal-attrici il-bank kellu xi obbligu li jaghmel verifiki dwar l-awtenticita' tac-cekk. Il-bank konvenut inghata cekk li gie *endorsed* minn rapprezentant tal-attrici. Naturalment il-bank ma ghamilx *credit* fil-kont tal-attrici qabel ma hu stess ghadda c-cekk lil Natwest u l-kont tieghu, maghruf bhala *Nostro National Westminster*, gie *credited* bis-somma ta' £22,000. Dan sehh fis-27 ta' Settembru 2013 (fol. 68) u dakinhar stess il-flus kienu ghad-disposizzjoni tal-attrici fil-kont taghha (fol. 70). Hu f'dan is-sens li ghandu jiftiehem il-messagg li Dr Karl Pisani, ufficjal tal-bank, baghat lil Damiano Binetti u li kien jaqra: *"Buongiorno, posso confermare che le sterline di churchill sono arrivati".* Radka Zemanova, ufficjal tas-socjeta attrici, ikkonfermat li Dr Karl Pisani kien gharrafhom li jridu jghaddu xi granet qabel il-flus ikunu disponibbli (fol. 111). B'daqshekk ma kienx qieghed jaghti xi tip ta' garanzija u wisq inqas ma kienx qieghed jobbliga ruhu li jsarraf ic-cekk direttament ghand it-trattarju (HSBC). Garanzija setghet tinghata biss mit-trattarju tac-cekk li mieghu suppost t-traent (Avenue Building Co Ltd) kellha kont bin-numru dikjarat fic-cekk. Mill-provi hu evidenti li rapprezentanti tal-attrici kienu b'insistenza qeghdin jistaqsu lill-ufficjali tal-bank jekk dahlux il-flus fil-kont minhabba pagamenti li riedu jaghmlu fir-rigward tan-negozju li suppost kien jirreferi ghalih ic-cekk (ara per ezempju deposizzjoni ta' Damiano Binetti in kontro-ezami). Ghalhekk l-azzjoni tal-attrici ma tistax tirnexxi.

4. Il-qorti trid tiddeciedi l-kawza a bazi tal-ilment kif propost mill-attrici fir-rikors guramentat u mhux argumenti godda li setghu saru fin-nota ta' sottomissjonijiet[6]. L-attrici ma bbazatx il-kawza fuq l-agir tal-konvenuta wara li l-flus gew depozitati fil-kont tal-attrici imma fuq l-agir tal-konvenuta **qabel** sar id-depozitu fil-kont tal-attrici (ara paragrafu 20). Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attrici argumentat li kien hemm negligenza wkoll fl-esekuzzjoni tal-ordnijiet li nghataw fl-1 u 2 ta' Ottubru 2013[7] ghaliex fit-30 ta' Settembru 2013 il-bank kien gie nfurmat li c-cekk ma ssarrafx. Pero' dawn m'humiex il-meritu tar-rikors guramentat. Ladarba l-attrici llimitat ruhha biex tallega li n-negligenza tal-bank kien jikkonsisti filli kkredita l-kont tal-attrici minghajr qabel ma ghamel verifiki dwar jekk ic-cekk kienx genwin, il-qorti trid tiddeciedi fuq din il-kawzali u xejn iktar. Fl-ebda parti tar-rikors guramentat m'hemm ilment dwar ordnijiet li nghataw lill-bank sabiex jaghmel hlasijiet lil terzi mill-flus li fis-27 ta' Settembru 2015 kien hemm fil-kont

[6] Ara nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici f'paragrafu 4.4.
[7] F'dawn il-granet saru pagamenti lil terzi mill-kont tal-attrici.

bankarju tal-attrici. Sahansitra l-ewwel talba tar-rikors guramentat taqra:

"*1. Tiddikjara li* ***bl-agir fuq deskritt*** *is-socjeta' intimata hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti"* (enfazi tal-qorti).

Agir spjegat fil-paragrafu 20 tar-rikors guramentat.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-attrici bl-ispejjez kontra taghha**.

Anthony Ellul.